MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1666/2002

**Western Company Limited**

**Vs**

**Miriam Belli**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u sittin centezmu (Lm823.60), hlas ta' kambjali li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Frar 2001 u Dicembru 2001.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet li:-

1. Hija mizzewga u ghandha tigi msejjha fil-kawza.
2. Li hija biss prestanome ghat-tifel taghha u ghalhekk jisthoqq li jigu kawtelati d-drittijiet taghha kontra l-istess tifel taghha Mario Belli.

3. Dwar l-imghaxijiet legali, qatt ma giet notifikata b’xi att gudizzjarju salv ghall-proceduri odjerni.

Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta’ Lm823.60 import ta’ diversi kambjali [fol. 12 sa 21] li gew accettati mill-konvenuta.

2. Jidher li l-kambjali nhargu b’riferenza ghax-xiri ta’ vettura minn iben il-konvenuta. Mill-provi rrizulta li l-konvenuta accettat li tidhol ghad-dejn li ghamel binha Marco Belli. Il-konvenuta kkonfermat li hija kienet tati l-flus lit-tifel sabiex dan imur ihallas il-pagamenti lis-socjeta attrici.

3. L-osservazzjonijiet li saru mill-abbi difensur tal-konvenuta, li mir-rendikont li gie pprezentat mill-Bank of Valletta plc jirrizulta li s-socjeta attrici thallset, m’huwiex floku. Jirrizulta li dawn il-kambjali kienu gew *discounted*. Meta ma sarx il-hlas il-bank ha l-passi biex irkupra l-flus minghand is-socjeta attrici. F’dak l-istadju l-kambjali gew lura fil-pussess tas-socjeta attrici li sal-lum ghadha ma thallsitx il-valur tal-kambjali.

4. Ghal dak li jikkoncerna l-hlas ta’ l-imghax, japplika ghalik l-Artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili:-

*“Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali, jew jekk il-ligi tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita”*.

L-imghax ghandu jithallas mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta

attrici s-somma ta' tmien mija u tlieta u ghoxrin lira Malitja u sittin centezmu (Lm823.60), bl-imghax kif mitlub.

Spejjez ghak-karigu tal-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------